**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 1 ta' Marzu, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**

**-vs-**

**Alfred Attard detentur tal-karta ta' l-identita` 410540M**

*Kumpilazzjoni Nru. 1350/2012*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Alfred Attard u ċioè talli:

Gewwa l-Mosta, l-Hamrun u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fit-12 ta' Novembru, 2012, u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda-

1. Xjentement ghex ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuni ta' nazzjonalita` barranija;
2. Zamm jew ezercita jew kellu sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew

maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

3. Bhala persuna responsabbli minn hanut, allogg jew lukanda jew apartament privat, halla jew ippermetta li dak il-hanut, allogg, lukanda jew apartament jew xi parti taghhom, jigu wzati bhala post ta' laqgha ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;
4. Kellu jew ghandu taht idu l-amministrazzjoni ta' dar jew fond iehor li xjentement ta b'kiri jew ippermetta l-uzu tieghu ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-2012, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fil-25 ta' Frar, 2016.

Illi mill-istqarrijiet esebiti, mehuda f'April, 2012[1] u f'Novembru, 2012,[2] Attard jammetti li hu <u>kien imexxi zewg *massage parlours*</u> Yuang Guan fil-Hamrun u Chun Tian fil-Mosta.[3] Fil-hanut tal-Hamrun kienet tahdem Chen Yaping u f'dak tal-Mosta Liqin Zhu, Bo Tabone u Duan Baldacchino [Yingchun Dwan]. Dawn kellhom €700 fix-xahar. **Jghixu mieghu u ma Ge kien hemm Zhu u Yaping** u kienu jhallsuh €100 fix-xahar. Jinsisti li ma kienx jiehu *"lanqas one cent"*[4] u kien jispicca jahli d-diesel ghax kien iwassalhom hu kull filghodu u kull filghaxija fil-*massage parlours*. Dwar attivitajiet sesswali jghid li *"ghandhi l-hanut biss u mmexxieh. Sa fejn naf jien ma jsir ebda sess hemm gew. Ghandhom ordni*

[1] **Dok. LCZ1** a fol.294

[2] **Dok. LC3** a fol. 24 et seq

[3] Vide ukoll fol.294

[4] Fol.25

*minghandi."*[5] Il-hlas kien ta €20 ghal nofsiegha full-body massage u €30 ghal massage ta siegha. **Jinsisti li l-hwienet hu kien imexxihom.**[6]

Illi fl-istqarrija mehuda f'April, 2012, qal li kellu zewg impjegati l-Hamrun u wahda l-Mosta. Ailing Ge kienet il-*carer* tieghu (wara izzewwigha) u Chen Yaping kienet tkun il-Hamrun. Qal li **Ge *"Tiehu l-flus tal-hwienet kollox hi"*** ghax hu kien jghix minn fuq certu Antonia Vassallo – fl-2012 kellha 84 sena – li kien f'relazzjoni maghha ghal 27 sena izda ma kienux jghixu flimkien. Stqarr li Ailing Ge ma kienitx qed turih bil-flus kollha u kien offrielha thallsu €1,500 (ghax kellu problema tal-loghob) u tmexxi kollox hi.[7] Isostni *"Jien qatt ma nersaq lejn il-hanut hlief inwassal lil Chen Yaping"* li kienet tiftah il-hanut.[8]

Illi l-**Ispettur Louise Calleja** xehdet li wara informazzjoni dwar attivitajiet sesswali f'*massage parlours* kienet ordnat osservazzjonijiet fuq iz-zewg hwienet tal-imputat. Kien hemm drabi meta anke hi kienet prezenti.[9] Tispjega *"kont prezenti f'Ottubru kif ukoll f'Novembru tal-2012 partikolarment fil-post tal-Mosta fejn jien ukoll kont osservajt irgiel dehlin u hergin go dan il-massage parlour,... kont tkellimt maghhom kont ghidtilhom minn jien biex nara x'inhu l-operat..... kien hemm tliet klijenti li kienu qaluli li kienu dahlu gol-massage parlour go dak tal-Mosta fejn hemmhekk kienu talbu ghal massage u kienu nghataw ukoll massage b'servizz sesswali. Dakinhar it-tlieta li huma qalu li kienet masturbation, masturbazzjoni,..... komplejna nosservaw, rajna lil dawn it-tfajliet, dawn in-nisa jigu u ppikjati minn, u rajna lis-Sinjur ukoll hemmhekk u kien hemm ukoll minnhom illi baqghu sejrin ukoll anki gor-residenza mas-Sur Attard.. .... kont tkellimt mat-tfajliet. Wahda minnhom li kien jisimha Lee Kin Zoo* [recte: **Zhu Li Qing]** ***qalet li kienet qed taghti servizz sesswali u r-raguni kienet biex iggib iktar flus****. Dik kienet ir-raguni taghha u* ***qalet ukoll li l-boss taghha li kienet*** *Gi Eye Ling, Gi Eye Ling* [recte: **Ailing Ge]** ***li hija mara Ciniza wkoll kienet il-boss taghha kienet taf fuq din l-attivita'***[10]*.... Huma kienu qed jinghataw it-tips ghal dan is-servizz. Mela mhux jiehdu l-pagament, jekk inti thallas 35 jew 40 Euros ma tohodhomx inti bhala l-persuna li qed taghmel il-massage, imma ha tiehu t-tips, allura iktar ma taghti servizz iktar ha jitilghu t-tips... kellhom parti minn kull*

[5] Fol.25
[6] Fol.26
[7] Fol.294-295
[8] Fol.295
[9] Fol.28
[10] Fol.29

*massage jiehdu ammont, mhux dejjem l-istess, jaf jiehdu 10 jaf jiehdu 5 Euros, imma iktar ma ha taghti servizz iktar ha joghla l-ammont illi ha jhallas il-klijent allura l-prezz ha joghla.*[11]*..... Lee Kin Zoo [recte: **Liqin Zhu** ehe filfatt qalet li kienet qed taghti servizzi sesswali"*[12] Kompliet li **Attard assuma r-responsabbilita` ta' dak li qed jigri fil-hwienet mikrija lilu, minkejja li baqa' jinnega li kien hemm xi attivitajiet illegali** jizvolgu rwiehom fihom u ghalhekk galadarba ghazel li jassumi r-resposnabbilita` hu, kellu jigi akkuzat hu!

Bid-dovut rispett tali decizjoni ma tantx taghmel sens peress li fi kliem l-istess spettur ***"Il-proprja persuna li kienet tiehu hsieb l-attivita' kienet certu Miss Gi Eye Ling*** **[recte Ailing Ge]** *li hija l-partner tas-Sur Attard pero then again la darba dan ahna ried li jerfa r-responsabbiltajiet kollha ahna hrigna l-akkuzi fuq is-Sur Attard".*[13] Certament investigazzjoni kellha tissokta fuq min waqa' s-suspett u mhux fuq min, ghar-ragunijiet tieghu, assuma responsabbilita` ghal kwalunkwe haga li kienet qed tigri gewwa haunt anke meta baqa' jinnega attivita` illegali. Donnu intnesa hawn li l-investigazzjoni hi intiza primarjament anke biex tezonera persuni u tiddentifika min verament ikun responsabbli tal-ghemil illecitu. L-ebda investigazzjoni ma setghet u kellha tigi sostitwita semplicement b' dikjarazzjoni ta' Attard fid-dawl meta il-persuna li ssemmiet Zhu kienet Ge u mhux l-imputat!

In kontro-ezami l-Ispettur spjegat li l-investigazzjonijiet kienu ilhom li nbdew madwar tlett xhur qabel il-jum li fih saru raids fiz-zewg hwienet u cioe` f'Novembru, 2012, fejn fil-kors tax-xhur gew mitkellma diversi persuni. [14] Ikkonfermat li hi kellmet lil JC li kien dahal fil-hanut tal-Hamrun. Ziedet li Attard kien mitkellem l-ewwel darba f'April, 2012 u f'dak iz-zmien kien anke sar raid[15] u li hadd qatt ma semma' li rah fil-hwienet ghajr li kien iwassal u jigbor lill-impjegati.[16] Fil-fatt Calleja spjegat li l-investigazzjonijiet bdew f'April, 2012, fuq il-hanut tal-Hamrun[17] izda aktar il-quddiem estendew fuq il-hanut tal-Mosta wkoll. L-osservazzjonijiet kienu saru minn PC341, PC1359 u WPC238.

---

[11] Fol.30
[12] Fol.32
[13] Fol.31
[14] Fol.278-280
[15] Fol.282-283
[16] Fol.286
[17] Fol.290

Mela minn din ix-xhieda ta' l-Ispettur Calleja l-Qorti ser tibda biex taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

i. Hemm nuqqas ta' dettalji dwar min kienu dawn il-klijenti li tkellmet maghhom l-ispettur rigward l-attivitajiet fil-Mosta, peress li l-unika persuna li jirrizulta mill-atti li certament tkellmet mieghu fuq il-post kien JC, izda dan kien iffrekwenta il-hanut tal-Hamrun u hi kellmitu d-depot ghax ma kienitx fuq il-post;

ii. Liqin Zhu kienet iddentifikat bhala l-*"boss"* taghha mhux lill-imputat izda lil partner tieghu, **Aileng Ge**;

iii. Zhu kienet spjegatilha li taghti servizzji sesswali u ta' dan kienet tithallas billi fl-ahhar mill-ammont dovut lill-hanut hi kienet tiehu t-tips, u l-hanut jiehu l-flus mill-massage. **Tali dikjarazzjoni xxejjen l-imputazzjoni li kien l-imputat li kien qed jghix minn fuq qliegh tal-prostituzzjoni taghha tenut kont li l-flus ghas-servizz sesswali moghti minnha kienet tiehdu kollu hi bhala tips**;

iv. Minghajr aktar investigazzjoni, appena l-imputat assuma r-responsabilita` ghal dak kollu li kien qed jigri fil-hwienet tieghu, minkejja li kellha dikjarazzjoni minghand tal-inqas impjegata li Ge kienet il-boss u li l-impjegata kienet qed tiehu t-tips li kienu in konsiderazzjoni tas-servizzi sesswali, gie akkuzat Attard u mhux min, *prima facie*, deher li xjentement kien konsapevoli tal-attivita` li kienet qed titwettaq fil-hwienet u li fi kliem l-ispettur kienet Ge li *"**kienet tiehu hsieb l-attivita'**."*;[18]

v. Ghalkemm l-investigazzjonijiet kienu ilhom ghaddejjin u gew mitkellma diversi klijenti, ma tressqet l-ebda persuna ohra biex tixhed ghajr ghal tnejn li ffrekwentaw il-hanut tal-Mosta u nghataw servizz sesswali fil-jum li saru raids fil-hwienet fit-12 ta' Novembru, 2012. Jekk l-osservazzjonijiet kienu ilhom xhur u l-akkuzi wkoll jkopru xhur ta' qabel it-12 t' Novembru, 2012, ghaliex il-pulizija ressqet biss xhieda li ffrekwentaw il-hanut tal-Mosta fil-jum tat-12 ta' Novembru, 2012 biss? Kif intqal JC kien ser jidhol fil-hanut tal-Hamrun izda ma thalliex, u jirrizulta li s-servizz inghata madwar **sena sa sena u nofs qabel it-12 ta' Novembru, 2012**;

---

[18] Ibid.

vi. Ghalkemm l-istess Attard spjega li kien qed jghix minn fuq persuna (Antonia Vassallo) li skond l-istess spettur tafha ghax hi mill-villagg taghha,[19] kien ikun ferm utli li din il-persuna tigi mitkellma sabiex il-veracita` o meno ta' dak li stqarr l-imputat jigi verifikat;

vii. Galadarba wahda mill-imputazzjonijiet kienet li dan kien qed jghix minn fuq qliegh tal-prostituzzjoni, il-Qorti kienet tistenna li tingieb din il-prova anke permezz ta' rizultanzi mill-ezekuzzjoni t' ordni t'investigazzjoni li seta nhareg meta nbdew l-investigazzjonijiet, fejn fi kliem l-ispettur investigattiv kienu jafu il-bidu taghhom meta nibet is-suspett fl-2011. Lanqas ma kien hemm xi ostakolu, talvolta li kien lahaq gie akkuzat l-imputat, li wara talba ghall-hrug t'ordni t'ffrizar ai termini tal-Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, jintalbu ricerki permezz tar-Registratur tal-Qorti sabiex jigi determinat jekk l-istil ta' hajja kondotta mill-imputat bil-mezzi finanzjarji li jgawdi, kienux spjegabbli bl-istat tieghu;

viii. Sfortunatament ghalkemm il-legizlatur fassal l-ghodda kollha necessarja sabiex jassisti kemm investigazzjoni kif ukoll prosekuzzjonijiet, ta' spiss l-awtoritajiet koncernati jiskartaw tali ghodda forsi taht l-impressjoni erroneja li dawn l-istrumenti jghoddu biss ghall-kazijiet ta' riciklagg. Izda mhux il-kaz, tant li kien bl-Att III tal-2002 li l-legizlatur ipprovda ghal ordnijiet ta' investigazzjoni, ta' sekwestru w ta' ffrizar sabiex l-awtoritajiet jinghataw ghodda effettiva sabiex kwalunkwe reat li jgorr piena ta' priġunerija jew ta' detenzjoni għal żmien iktar minn sena jigi investigat b'aktar reqqa;

ix. Galadarba l-prosekuzzjoni ghazlet li takkuza lil Attard bl-ewwel imputazzjoni, kellha obbligu li tipprova l-introjtu minn dawn il-hwienet. Ma ngiebet lanqas ombra ta' prova dwar dan kif lanqas ma ngiebet prova dwar l-istil ta' hajja u l-istat finanzjarju tal-imputat. Jinghad li fil-perkwizzizjoni li saret il-Mosta gie elevat VAT receipt book, izda kif sewwa tenniet l-abbli difiza fit-trattazzjoni minn taghha, lanqas tali ktejjeb ma gie prodott in evidenza. X'zamm lill-prosekuzzjoni milli tressaq bhala prova d-dikjarazzjonijiet kemm ta' Taxxa kif ukoll ta' VAT tal-imputat biex tipprova l-kaz taghha? Kif ma giex analizzat l-introjtu, almenu minn analizi tal-ricevuti mahruga?

[19] Fol.287

Illi **Keith Caruana** in rapprezentanza tad-dipartiment tat-Trade Licensing Unit, xehed li kien biss fl-2014 li nhargu l-licenzji taz-zewg massage parlours u dawn inhargu fuq Aileng Ge.[20]

Illi **Joseph Saliba** in rapprezentanza tal-Jobsplus xehed li fiz-zmien tal-akkuzi kontestati lill-imputat, dan kien impjegat bhala full-time self-employed owner u handyman ma Yang Guang Chinese Massage Centre bil-bidu tal-impjieg ikun fl-1 t'Ottubru 2009.[21] Riprodott Saliba jixhed li Aileng Ge, fiz-zmien tal-imputazzjonijiet kontestati lil Attard, kienet impjegata bhala *full-time carer* mieghu,[22] Bo Tabone nee` Yang kienet part-timer bhala masseure ma Chun Tian Chinese Massage Centre (Mosta),[23] filwaqt li Liqin Zhu giet impjegata fl-istess post izda bhala full-timer.[24] Yaping Chen bdiet l-impjieg ma Yang Guang (Sunlight) Massage Centre, Hamrun, fl-2010 bhala full-timer[25] u Duan Ying Chun bdiet mal-istess post fl-ahhar tal-2011 bhala part-timer.[26] Bo Tabone kienet l-unika xhud li fiz-zmien li xehdu dawn l-impjegati kienet ghada impjegata ma Aileng Ge.[27]

Illi jmiss li tigi kkunsidrata l-evidenza li ngiebet dwar l-attivita` gewwa z-zewg hwienet:

1. <u>Mosta - CHUN TIAN</u>

Illi **WPC60 Grace Bianco** ddeskriviet kif kienet qed issir osservazzjoni fuq Massage Parlour Chun Tian fil-Mosta, minn fejn innutat diversi irgiel diehlin u hiergin.[28] *"Ghal habta tal-hamsa u nofs dhalna fil-post fejn hemmhekk l-ewwel ma dahal PC1359 imbaghad ahna dhalna warajh. X'hin dhalna sibna tlieta minn nies ta' nazzjonalita' Ciniza nisa. Dhalna fil-post, ghidnielhom li ahna pulizija u f'hin minnhom wahda minnhom dahlet fuq gewwa u x'hin rajtha hekk jien diehla fuq gewwa jiena mort warajha. Dahlet*

---

[20] Fol.78
[21] Fol.93
[22] **Dok. JSX** a fol.267
[23] **Dok. JSX1** a fol. 269
[24] **Dok. JSX 2** a fol. 271
[25] **Dok. JSX3** a fol. 272
**[26]** **Dok. JSX4** a fol.274
[27] Duan Ying Chun xehdet fil-25.05.2016 u l-ohrajn fid-19.10.2016
[28] Fol.35

*f'kamra fejn kienu qed jaghmlu l-message room, jiena li naf smajt bieba ta' gwardarobba tinghalaq u dhalt warajha fil-kamra. X'hin dhalt warajha nsibha qed tilbes qalziet ta' taht dak il-hin jiena.*[29]*….. Dak il-hin liebsa bil-libsa ehe kienet imma rajtha diehla fil-kuritur, dahlet u smajt bieba tinghalaq u jien dak il-hin dhalt warajha u ezatti x'hin dhalt naraha fil-kamra fejn jaghmlu l-messaggi tilbes qalziet ta' taht.... Jigifieri hi kienet liebsa u x'hin dhalt jiena ninnutaha kienet ha tilbes qalziet ta' taht, kellha qalziet ta' taht ahmar f'idejha u kienet ha tilbsu."*[30] PC1359 kien qed iwaqqaf lill-irgiel u jitkellem maghhom. Dakinhar imbghad gie deciz li issir osservazzjoni fuq il-hanut li kien il-Hamrun. Hawnhekk jerga' jigi sottolinejat dak li l-impjegati qalu lill-pulizija: "*Morna hemmhekk fejn hemmhekk kien hemm Cinizi ohra u qalulna **li s-sid tal-post ghandha tigi** on the way u speci konna cempilnielha niftakar li stennejnieha u giet fuq il-post il-Hamrun.*".[31]

Jirrizulta ghalhekk li **l-impjegati kienu jafu bhala s-sid mhux lill-imputat imma lill-partner tieghu!**

Dwar l-imputat tghid li *"Gieli kont observation u konna narawh jigi jwassal jew jigi ghalihom fil-hanut, jippikkjhom [lill-masseuses] jew iwassalhom….Kien inizzilhom jew x'hin johorgu jtellaghhom u jitlaq bil-karozza. .... Gieli kont granet ohra observation fejn ninzertaw lis-Sur Alfred Attard jigi bil-karozza jew inizzilhom jew jistennihom u jitlaq bihom.... Filghaxijiet."*[32] In kontro-ezami tikkonferma li l-osservazzjonijiet kienet hadet il-fuq minn siegha u kienu tlett irgiel li dahhlu u hargu mill-hanut, filwaqt li fil-hin li kienet qed issir it-tfittxija dahal ragel iehor izda ntbghat il-barra.[33]

Jigi osservat li x-xhud tonoqs milli taghti dettalji kemm tal-irgiel li kienu ffrekwentaw il-post u li gew mitkellma mill-pulizija u senjatament tal-impjegata Asjatika li giet nnutata bla qalziet ta' taht. Fil-fatt tul dan il-process ma kien hemm ebda sforz minn naha tal-prosekuzzjoni sabiex din il-mara tigi identifikata ulterjorment biex titfa' dawl dwar x'setghet kienet ir-raguni ghala fil-hin ta' xoghol f'jum ta' Novembru, meta s-shana tkun suppost battiet sew, gewwa massage parlour, ghazlet ma tilbisx qalziet ta' taht!

[29] Fol.36
[30] Fol.40
[31] Fol.38
[32] Fol.36-37
[33] Fol.43

Illi **WPS238 Monica Bartolo** spjegat kif għall-ġimgħat kienet qed issir osservazzjoni fuq Chun Tian fil-Mosta. Raw diversi irġiel diehlin u ħierġin u meta mitkellma dawn spjegaw li kienu ngħataw servizzi sesswali. Saret tfittxija u *"Kull ma sibt li kien ta rilevanza għalina kien il-VAT receipt book."*[34] Izda minkejja r-rilevanza potenzjali għall-fini tal-ewwel akkuza, dan il-ktieb baqa' ma ġiex prezentat f'dawn l-atti! Dwar Attard tistqarr li kienet tarah iwassalhom u filgħaxija kienu jitilqu lura miegħu.[35] L-observation kienet saret flimkien ma WPC60 Bianco u PC1359.[36]

Illi **PC1359 Reuben Zammit** spjega kif kienet saret ispezzjoni fil-parlour fil-presenza ta' WPC60 u WPC238. Fil-ħanut kien hemm tliet nisa ċinizi.[37] Tul l-osservazzjonijiet li kienu ilhom issiru rrizulta li klijenti kienu rġiel u l-iktar frekwentat kien wara nofsinhar u filgħaxija.[38] Jiddikjara li kien ra lill-imputat jieqaf quddiem il-ħanut. L-impjegati Ċiniżi kienu mitkellma izda baqaw jinneggaw li offrew xi servizzji sesswali.[39]

Illi **RB** xehed kif lejn l-aħħar tal-2012 mar f'*massage parlour* b'isem Ċiniż fi triq principali fil-Mosta u kif ħareġ ġie mitkellem mill-pulizija.[40] Ħa l-massage u dwar persuna li jiddeskiviha bħala Asjatika jgħid *"kif lestiet speci offrietli biex tagħmel b'idejha nsomma.... qaltli 30 one hour, full body u kif lestiet.... Għamlet mossa b'idejha proprja...."* u ħallas xi €20-€30 oħra għal extras.[41] L-abbli difiza fit-trattazzjoni tagħha għamlet emfazi dwar il-fatt li dan ix-xhud naqas milli jiddentifika li l-ħanut fejn ngħata l-'massage' kien fi triq il-Kostituzzjoni, anzi eskluda li kien f'din it-triq. Madanakollu jikkonferma li l-ħanut kien fit-triq principali[42] viċin l-Għassa tal-Pulizija u huwa *a fact of judicial notice* li l-Għassa tinsab preċizament fi Triq il-Kostituzzjoni.

---

[34] Fol.48
[35] Fol.54
[36] Fol.53
[37] Fol.211
[38] Fol.213
[39] Fol.215
[40] Fol.69
[41] Fol.70-71
[42] Fol.69

Illi **JF** spjega kif kien ha massage f'parlour f'Constitution Street, il-Mosta fejn kien hemm zewg impjegati Cinizi.[43] Kien mar sena qabel ma kien gie mwaqqaf u mitkellem mill-pulizija u hallas €35.[44] Spjega li massage normali kien jiswa €30 izda b'servizzji sesswali €35-€40, u kkonferma li anke fl-okkazzjoni precedenti kien ha l-istess servizz.[45] Iddeskriva kif ippanikja meta hareg mill-parlour u twaqqaf mill-pulizija.[46] Dwar is-servizz offrut spjega li wara li kien jinghata l-massage normali l-impjegata kienet issaqsi jekk riedx servizz sesswali.[47] Jikkonferma li qatt ma ra lill-imputat fil-hanut.

Illi **Bo Tabone** xehdet kif giet mitkellma mill-pulizija wara spezzjoni li saret fil-massage parlour tal-Mosta fejn kienet tahdem ghall-imputat billi taghti *"Chinese traditional massage".*[48] Kienet tidhol xoghol meta tigi msejjha mill-imputat ghax ikun hemm booking – konferma ta' dak li stqarr l-imputat fl-istqarrija li Bo ma kienitx tirrisjedi mieghu. Dwar rikjesti ghall-servizji sesswali tghid li gieli kellha izda kienet tirrifjuta u qatt ma semghet li fil-hanut kien isiru xi attivitajiet bhal dawn.[49] In kontro-ezami tikkonferma li hi kienet habiba tal-mara tal-imputat u li rarament kienet tarah lilu.[50] Lejn l-ahhar tax-xhieda taghha tghid li kienet giet il-Qorti biex tixhed akkumpanjata mill-imputat![51] Msejjha in difeza esebiet dikjarazzjoni[52] maghmula bejna u l-imputat li giet rikjesta taghmel mill-imputat wara li l-pulizija kienu ghamlu l-ispezzjonijiet fuq il-hanut. Tghid li kienet tahdem part-time u li ma baqghatx tahdem mieghu.[53] Tabone ziedet li kienet intalbet mill-imputat tiffirma dik id-dikjarazzjoni li nghatatilha mill-imputat.[54]

Illi **Zhu Li Qing (Liqin Zhu)** xehdet li kienet tahdem fil-hanut tal-Mosta u bhala l-bosses taghha kien hemm l-imputat u Ailing Ge.[55] Salarju

[43] Fol.172
[44] Fol.174
[45] Fol.175
[46] Fol.177
[47] Fol.178-179
[48] Fol.238-239
[49] Fol.241-242
[50] Fol.243
[51] Fol.244
[52] **Dok.BT** a fol.379
[53] Fol.381
[54] Fol.382
[55] Fol.249

kellha €700 fix-xahar u kull ma kienet taghmel kien *"healthy massage to release pain"*.[56] Spjegat li *"Most of the clients are* <u>*old persons men*</u>*… I receive the cash from the clients and once almost every week i give the cash to the Boss"*.[57] Ix-xhud issib diffikulta` tispejga kif ghalkemm tghid li kienet tghaddi l-flejjes lil boss, u <u>fil-bidu tax-xhieda taghha stqarret li originarjament l-imputat kien il-boss, tvarja ix-xhieda taghha u tghid li kienet tghaddi l-flus lil Ailing Ge</u>! Tikkonferma li l-imputat kien iwassalha x-xoghol ***"Yes were living together and they always give me lift"***[58] u li Chen kienet tahdem il-Hamrun waqt li hi u Bo fil-hanut tal-Mosta.[59] Rigward **Ailinge Ge tghid li din *"She's not really doing the work, she's just in charge of the shop……Ge Ailing was in charge of the Shops in Hamrun and Mosta…like a manager"***.[60] <u>Tikkonferma li ghada qed tghix mal-imputat kif l-istess hu l-kaz bl-impjegati l-ohra</u>.[61] Meta x-xhud tigi mistoqsija dwar jekk taghtx servizzji sesswali twiegeb *"Yes some clients they asked for extra service but I always refused them"* u tichad li qatt mmassagjat partijiet intimi *"No, no, no"*.[62] Dan jikkontrasta bil-qawwa ma dak li xehdet l-Ispettur Calleja meta fix-xhieda taghha ghal diversi drabi tenniet li din il-persuna kienet qaltilha li kienet taghti dawn is-servizzji u li Ailing Ge kienet konsapevoli taghhom.

Hu opportun li l-Qorti taghmel aktar konsiderazzjonijiet issa li gew ezaminati l-provi rigward l-attivita` li kienet qed tizvolgi fil-hanut tal-Mosta:

i. Mix-xhieda tal-ufficjali tal-pulzija ma jirrizultax li kien hemm aktar persuni li gew mitkellma minnhom tul il-jiem kollha li damet l-osservazzjoni. Lanqas ma jirrizulta min kellem lil min u ghalkemm WPC60 tindika li l-irgiel kienu qed jigu mwaqqfa u mitkellma minn PC1359,[63] meta dan jixhed jibqa ma jsemmi ebda isem ta' dawn il-persuni;

---

[56] Fol.250
[57] Fol.252
[58] Fol.253
[59] Fol.253-254
[60] Fol.254-255
[61] Fol.258
[62] Fol.251
[63] Fol.39

ii. Lanqas ma gew identifikati l-impjegati li twasslu u ngabbru mill-imputat tenut kont li mhux kull impjegata kienet tghix mieghu;

iii. Il-pulizija gew infurmati li s-sid kienet mara u mhux l-imputat;

iv. Ma saret l-ebda domanda lil dawn il-klijenti dwar lil min taw il-hlas ghall-massage u/jew is-servizz sesswali. Din kellha rilevanza kbira tenut kont tal-ewwel zewg imputazzjonijiet;

v. Mhemmx dubbju li l-*modus operandi* dwar kif il-klijenti kienu jigu offruti tali servizz u cioe` b'wiri ta' gesti bl-idejn meta l-massage normali ikun kwazi intemm, hu indikattiv li l-prattika kienet diffuza sew fiz-zewg hwienet. Ghalhekk li l-klijent jasal jiddentifika l-persuna li ghamlet tali offerti kien iwassal sabiex l-akkuzi kontestati u cioe` l-prostituzzjoni u l-attivita imorali allegata tigi pruvata. Izda f'dawn il-proceduri l-prosekuzzjoni naqset milli turi ritratti lil dawn ix-xhieda bil-ghan li l-impjegata li tat is-servizz sesswali tigi identifikata;

vi. Ghalkemm tali impjegati lkoll nnegaw li qatt ghamlu xi attivita` simili, baqa' ma gie mitlub l-ebda konfront bejnhom u l-klijenti. Senjatament fil-konfront ta Zhu meta din fi stqarrija mal-ispettur kienet qalet il-kontra,[64] l-Qorti kienet tistenna li l-prosekuzzjoni, kemm il-darba kienet konvinta mill-kaz taghha, tikkonfrontaha b'dik l-istqarrija, anke jekk kellha tiddikjaraha bhala xhud ostili.

2. Hamrun - Yuang Guan

Illi **WPS104 Amanda Xuereb** xedhet kif f'April, 2012, saret spezzjoni fil-hanut tal-hamrun. Ix-xhud ma ftakritx jekk kienx hemm mandat ghall-tfittxija. Fil-post instab ragel li fil-hin li kienu qed jaghmlu osservazzjoni fuq il-post kien gibdilhom l-attenzjoni ghall-fatt li meta ipparkja l-vettura tieghu beda jhares madwaru u libes beritta, agir li qanaqal suspett fil-pulizija. Dan ir-ragel kien ta' madwar 65 sena u kien mbazza meta ra lill-pulizija. Dwar il-flus li jirrizulta li ngabru u li kienu 20 wahda f'denominazzjoni ta' €20, ix-xhud ma setghetx taghti taghrif galadraba dawn ingabbru minn kollega taghha illum mejta. In kontro-ezami kkonfermat li kien wara li kien nholoq suspett fil-persuna li

[64] Calleja a. Fol.29: "[**Liqin Zhu**] *qalet li kienet qed taghti servizz sesswali u r-raguni kienet biex iggib iktar flus......u qalet ukoll li l-boss taghha li kienet Gi Eye Ling*, [recte: Ailing Ge] *li hija mara Ciniza wkoll kienet il-boss taghha kienet taf fuq din l-attivita'*".

dehret diehla fil-hanut li gie deciz li l-pulizija jinvestigaw u saret tfittxija.[65] Din il-persuna baqghet ma tressqietx bhala xhud.

Illi **PS341 Jorge Dalli** iddeskriva kif bejn Ottubru u Dicembru, 2012 saru osservazzjonijiet fuq iz-zewg *massage parlours* tal-imputat. Fit-12 ta' Novembru, ghamlu spezzjoni fil-hanut fejn kien hemm Chen Yaping. Fil-hin li kienet qed issir l-ispezzjoni dahal JC ghal massage u gie mitkellem minn fejn irrizulta li *"qalli ghal ewwel kif kien ikun ha jibda kien jinza' gharwien, tibdilu minn wara taghmillu back massage u mbaghad kien idur fuq quddiem u x' jghidulu taghmillu mossa b' idejha fuq u isfel u taghmillu hand relief. Qalilna mhux dejjem ghamilha ghax gieli ghamel massage normali. U meta ghamel massage normali kienet izzomlu €30 u meta taghmillu hand relief €35…. Kienet timmasturbalu l-parti tieghu".*[66] <u>Dalli jikkonferma li JC kien identifika lil Chen Yaping bhala l-impjegata li kienet taghtu dawn is-servizzji.</u>[67] Meta rega' xehed in difeza kkonferma li kienu saru osservazzjonijiet fuq il-hwienet ta' Attard u spjega li *"ahna l-metodu taghna hekk kien li mhux just naqbdu u nidhlu, nsegwu l-kaz bilmod u niehdu l-hin taghna. Meta naslu li jkollna bizzejjed affarijiet biex nidhlu mhux ha naqbdu u nidhlu."*[68] Xehed li l-osservazzjonijiet saru wara informazzjoni anonima li fil-hwienet koncernati kien qed isehhu attivitajiet ta' prostituzzjoni.[69]

Illi **PS1282 Dino Farrugia** kkonferma dawn il-fatti u zied li meta kellmu lil JC li kien dahal fil-hanut *"qalilna li kien mar hemmhekk xi darbtejn jew tlieta ghax ghidnielu x'kien imur jaghmel, u hu qalilna li ghal massage kien ihallas 30 Euros u l-masseur kienet toffrilu li meta timmasturbalu l-parti tieghu kienet tohodlu 35 Euros ohra."*[70] JC kien iddentifika lill-impjegata mir-ritratti murija lilu d-depot. Dwar rizultanzi tal-osservazzjoni kkonferma li l-hanut kien ffrekwentat minn hafna rgiel.[71]

Illi **JC** xehed li hu kien mar ghal massage l-ewwel darba fil-hanut tal-Hamrun *"Mort darbtejn b'kollox jigifieri jiena **kont mort sena u nofs qabel ma kellmuni...** kienet taghmilli massage normali qed tifhem jigifieri minhabba l-istess u hekk, imma mbaghad wara nsomma kienet timmasturbani.... kont mort*

[65] Fol.335-336
[66] Fol.202
[67] Fol.203
[68] Fol.339
[69] Fol.342
[70] Fol.207
[71] Fol.208

*darbtejn. Darba ghamlithuli normali sewwa....Haditli 30 Euros. U darb'ohra ghamlithuli normali wkoll qed tifhem jigifieri taghmilli siegha massage fuq wara, fuq dahri jigifieri saqajja, jdejja, ghonqi, qed tifhem u dan hawn, imbaghad indur fuq zaqqi l-istess haga qed tifhem, idejja, saqajja u hekk, imbaghad ovvjament hemm in-natura kienet taghmel taghha nghidlek il-verita' mbaghad kienet timmasturbani....[hallast] 35...Nahseb Ciniza kienet.".*[72] Spjega kif kien hemm zewg impjegati b'wahda mal-cash u ohra taghmel il-massaggi *"Yang Wang kien jismu.... u mort xi darbtejn ohra* ***sena u nofs ilu***, *jigifieri f'temp ta' sena u nofs mort darbtejn hemmhekk".*[73] Itemm jiddikjara li skond hu kienet l-istess persuna li kienet qdietu fid-drabi li kien mar. Meta **JC** rega' xehed in difeza spjega kif fl-2012 ma kienx lahaq dahal fil-hanut peress li kien hemm il-pulizija[74] izda qabel dik id-darba kien mar darbtejn ohra fejn l-ewwel darba nghata massage normali izda t-tieni darba kien nghata ta servizz sesswali wara massage ta' siegha.[75] **Dak is-servizz kien nghata xi sena qabel ma gie mwaqqaf mill-pulizija** izda JC ma setghax ikun aktar preciz.[76] Zied li ma kienx talabha hu ghal dak is-servizz izda kienet offriet il-masseuse.[77] Isem min tah is-servizz ma ftakarx pero kien identifikaha mir-ritratti murija lilu meta kien rrilaxxa stqarrija d-depot.[78] Kien cert li l-istess persuna kienet qdietu fid-darbtejn li mar u bis-servizz sesswali b'kollox hallas €35 lil persuna ohra li kienet tkun fuq il-cash fir-reception.[79] L-ewwel darba hallas €30.[80] Fil-kors tax-xhieda tieghu ma giex mitlub jiddentifika dik l-impjegata minkejja li kien ghamel dan fid-depot meta gie mitkellem wara li twaqqaf milli jiffrekwenta l-massage parlour fit-12 ta' Novembru, 2012.

Illi **Yingchun Dwan Mifsud** spjegat li fl-2012 giet mitkellma mill-pulizija dwar l-impjieg taghha fil-hanut tal-Hamrun. Waqqfet tahdem hemm fl-istess zmien.[81] Saret taf lill-imputat tramite tfajla Ciniza. Il-hinijiet tax-xoghol kienu jvarjaw bejn 2-4 sighat kuljum.[82] Il-prezz ghall-massage kien ta' €20 ghal 30 minuta u €30 ghal siegha. Inneggat li qatt ipprestat

---

[72] Fol.64-65
[73] Fol.66-67
[74] Fol.352
[75] Fol.353-354
[76] Fol.355
[77] Fol.357-358
[78] Fol.359
[79] Fol.363-365
[80] Fol.367
[81] Fol.187-188
[82] Fol.190

servizzji sesswali u anke jekk kien hemm okkazzjonijiet fejn klijent staqsa ghalihom, irrifjutat. Dwar il-paga tghid li kienet tircevi din minghand l-imputat jew minghand wahda Ciniza.[83].

Illi **Chen Yaping** li hadmet fil-parlour tal-Hamrun rrakontat kif qabel *"the Boss"* kien l-imputat izda llum Aileng Ge.[84] Xogholha kien biss li taghti *"just a healthy massage"* fejn il-prezz kien ta' €20 ghal nofsiegha u €30 ghal siegha.[85] **Il-klijent jhallsu lilha u hi tghaddi l-flus lill-imputat, izda llum tghaddihom lil Ge**. Ftit wara tbiddel il-verzjoni u tghid li dejjem ghaddiet il-flus lil Ge. Tispjega li meta klijent ried servizzji sesswali hi rrifjutat *"most of the clients are old persons plus I don't really understand English well so I just refuse them"*[86] Bhala salarju kellha €700 fix-xahar u dwar l-imputat tghid *"Very rarely I saw him in the Shop but since we were living together we always saw him in home… Yes, yes we were living together… I don't remember we signed any contract"*.[87] In kontro-ezami kkonfermat li kienu zewg impjegati l-Hamrun. Meta dahhlu l-pulizija l-kollega taghha, Duan, kienet qed taghmel dak li tiddeskrivi bhala *"a normal massage"*. Interessanti li x-xhud jidrilha li ghandha tiddistingwi bejn massage normali u wiehed li mhux "normal". Meta regghet xehdet in difeza Yaping Chen, esebiet dikjarazzjoni bejna u bejn l-imputat, allegatment ffirmata nhar it-12 ta' Dicembru, 2012, li fiha jinghad li *"She is only employed to do genuine Cinese Massage and nothing else. She is strictly informed not to indulge in any kind of sex. She is responsible for her acts"*.[88] Qalet li l-imputat kien qalilha li setghu jaghmlu biss *"normal massage not something else"*, u dan minkejja li ma kien qed issir xejn izjed qabel.[89]Il-kliem bil-lingwa Ciniza nkitbu minn Aileng Ge.[90] Ma jistax ma jigix osservat li meta xehdet l-ewwel darba din kienet innegat li qatt iffirmat xi forma ta' kuntratt.

Kkunsidrata l-evidenza rigward il-hanut tal-Hamrun l-Qorti ser izzid fuq il-konsiderazzjonijiet gja maghmula:

---

[83] Fol.195
[84] Fol.225
[85] Fol.226
[86] Fol.227
[87] Fol.228
[88] **Dok. YC**; Fol.374
[89] Fol.377
[90] Fol.378

i. Ghalkemm meta kien id-depot JC identifika lil Chen Yaping, tali identifikazzjoni tikkostitwixxi biss *hearsay;* dik l-identifikazzjoni kellha ssir f'dawn il-proceduri izda l-prosekuzzjoni naqset milli turi ritratti lil JC bl-iskop li l-impjegata li taghtu s-servizz sesswali tigi identifikata;

ii. Fatt li jimmilita kontra sejbien ta' htija tal-imputat tenut kont li fit-termini li fiha tinsab impostata l-akkuza, hu l-fatt li l-klijent innifsu jsemmi li kien mar **sena sa sena u nofs qabel** ma twaqqaf mill-pulizija.

Ghaldaqstant ma jistax jinghad li sena jew sena u nofs qabel tinkwadra fit-termini ta' *"fix-xhur ta' qabel"* it-12 ta' Novembru, 2012 u ghalhekk ix-xhieda ta' JC qatt ma setghet isservi sabiex tissostanzja l-imputazzjonijiet kif addebitati lill-imputat. Kien ikun mod iehor kieku l-akkuza kienet formulata mod iehor u cioe` fis-sena jew fis-snin ta' qabel dik id-data.

Illi l-imputat **Alfred Attard** ghazel li jixhed u spjega kif kellu zewg hwienet ta' *health and beauty massage centres* li kienu licenzjati fuq ismu. F'April, 2012, l-pulizija ghamlet tfittxija fil-hanut fejn hu kien gie msejjah fuq il-post. Fil-hin tat-tfittxija kien hemm klijent. Spjega kif meta wasal fuq il-post kellu xi €500 fuqu li wriehom lill-pulizija u li dawn ittiehdulu meta gie biex jittiehed id-depot, izda mhux meta kien uriehomlha hekk kif wasal fuq il-post; id-depot gie mghoddi xi €105 minnhom.[91] Attard qal li qabel kellu restaurant Paceville u meta l-business ma bediex imur tajjeb, impjegata li kienet taghmel *part-time* bhala masseuse, hegget lill-partner tieghu ta' dak iz-zmien, illum martu, biex jifthu massage parlour. Ikompli *"Minn dejjem, kif ftahna l-hanut, it-tmexxija u l-involviment kien dejjem f'idejn ..... l-mara tieghi li qabel kienet il-partner tieghi..... Dejjem hi tmexxi l-hanut. F'dak li jirrigwarda flus u kollox. Jiena sempliciment ix-xoghol tieghi kien li naqbad lill-impjegati ghax kienu joqghodu mieghi, inwassalhom u nerga' nigborhom u niehodhom id-dar. Ghax konna noqghodu fl-istess post....Jiena ghandi kamra ghaliha. Jien ghandi l-kamra matrimonjali tieghi u huma joqghodu ghalihom."*.[92] Attard jishaq li <u>lanqas cwievet tal-hwienet ma kellu ghax jifthu u jaghqlu kienu l-impjegati,[93] fatt li gie kkonfermat mill-impjegati li xehdu.</u>

[91] Fol.300-302
[92] Fol.304-305
[93] Fol.305

Mistoqsi mill-qorti ghaliex hass li kellu jkun hu li jittrasporta lill-impjegati ma joffri ebda spjegazzjoni plawzibbli. Jghid li VAT books kienu fuq ismu izda bhala flejjes dejjem inghataw lil Ailing Ge.[94] Jammetti li kien jiehu hsieb id-dikjarzzjonijiet ta' taxxa u VAT *"Il-flus li kienu jidhlu mill-hwienet, kienu kollha, il-**lavranti kienu jtuhom kollha lil mara tieghi. Jien qatt ma missejt sold. Lanqas one cent**."*.[95] Semma' kif kellu relazzjoni ntima ma mara, llum ta' 90 sena, li kienet ilha s-snin, li kull meta talabha l-flus din kienet ittieh kemm jitlobha; fil-fatt *"Tatni ammonti kbar ta' flus....Meta nitlobha.... Qatt ma hadt one cent jien ghax ma kellix intenzjoni li niehu l-flus mill-hwienet. Jien x'nambihom il-hwienet? Jiena ftahthom habba fiha. Ikolli bzonn il-flus, jiena m'ghandix problema. "*[96] Jishaq li qatt ma dahal fil-hwienet imma kien biss iwassal u jigbor l-impjegati *"Le ma nidhol xejn fil-hwienet. .... Jinzlu mill-karozza, jifthu huma ghax huma ghandhom ic-cwievet. Jien m'ghandix cwievet. Kemm inwassalhom biss. Il-bqija jien ma kelli xejn interess fil-hwienet. Lanqas biss insaqsihom x'ghamlu u ma ghamlux bhala flus. Kemm dahhlu flus, xejn. Nara l-kotba tal-VAT u daqshekk."*.[97]

In kontro-ezami spjega kif Ge kienet impjegata bhala *personal carer* tieghu imbghad fl-2013 izzewigha. Fethu hanut il-Hamrun u wara fil-Mosta, izda l-permessi kienu fuqu.[98] Qabel kien jirrisjedi San Pawl il-Bahar u wara mar il-Mosta bl-impjegati jibqghu jghixu mieghu.[99] Ghalkemm kien ilu f'relazzjoni ma Vassallo u ma kellu ebda problema ta' flus; kien bniedem di natura attiv u ghalhekk fetah il-hwienet.[100] Zied li hu ma kienx jaf sakemm Vassallo kienet ser tibqa ittieh flus u kien ghalhekk li fetah il-hwienet,[101] *"Pero' l-flus li kienu jidhlu minn gol-hwienet, lanqas immisshom xejn jien b'idejja."*.[102] Dwar xogholhom ma sar l-ebda kuntratt izda ftehim verbali, u jikkonferma li kien hu li ha hsieb japplika ghall-permessi taghhom.[103] Ikompli li l-ammont ta' flejjes li Vassallo taghtu tul iz-zmien kien qabez il-miljun *"Maltin.... M'hemmx perjodi. Meta, kull meta*

---

[94] Fol.306
[95] Fol.307
[96] Fol.310
[97] Fol.311
[98] Fol.312-313
[99] Fol.314
[100] Fol.315
[101] Fol.320
[102] Fol.316
[103] Fol.316-317

*kont nitlobha.."*[104] Mal-impjegati ntalahaq ftehim li jahdmu 40 siegha fil-gimgha u jithallsu bil-minimum wage. Meta gie mgharraf li xi hadd kien irrapurtah dahhlet il-pika u fetah hanut iehor *"Mhux interess tal-flus imma, imma nteress tal-pika. Fil-fatt ftaht iehor il-Mosta."*[105] Jichad li kellu jew ghad ghandu kontroll fuq ic-Cinizi li baqghu jghixu mieghu u ma Ge.

Illi gie prezentat att ta' zwieg minn fejn jirrizulta li l-imputat u Ge zzewgu nhar l-24 ta' Novembru, 2013.[106]

Illi mir-records tal-Jobsplus jirrizulta, stranament, li Ge tterminat l-impjieg taghha bhala l-*personal carer* ta' Attard fit-30 ta' Novembru, 2013, bir-raguni tkun *"Circumstances Beyond Employer's Control"!*[107] Tenut kont li mill-atti hareg cjar li Ge kienet tiggestixxi l-hwienet ta' Attard, iwassal lill-qorti tikkonkludi li Ge ma kienitx semplicement *personal carer* tal-imputat izda evolviet u saret *carer* tan-negozju tieghu wkoll. Il-qorti ser tkun ferm kawta dwar is-sinifikat u l-vera natura ta' dan iz-zwieg aktar u aktar meta jigi meqjus dak li qal l-imputat dwar ir-relazzjoni tieghu ma Vassallo.

Illi lanqas ma qed ikun veritjier l-imputat meta jghid li ma kienx jaf x'kien id-dhul mill-hwienet meta kien hu li jiehu hsieb il-VAT u t-taxxa. Dan kollu jwassal il-qorti sabiex tqis li l-imputat ftit jista' jinghata kredibilita`.

Illi l-imputat ikompli jghid li huma tnejn ic-Cinizi li jirrisjedu mieghu u baqa' jigborhom u jwassalhom, xhieda cjara li baqaw fl-impjieg ma Ge. Pero` mix-xhieda ta' Saliba rrizulta li Bo Tabone kienet l-unika xhud li fiz-zmien li xehdu dawn l-impjegati kienet ghada impjegata ma Aileng Ge[108] u minn ezami tax-xhieda ta' Yaping u Zhu jirrizulta li ghalkemm mir-records tal-Jobsplus l-impjieg taghhom gie tterminat f'Dicembru, 2015[109] u Settembru, 2016,[110] rispettivament, dawn qalu li kienu ghadhom

[104] Fol.318-319
[105] Fol.321
[106] Fol.346
[107] Fol.267
[108] Duan Ying Chun xehdet fil-25.05.2016 u l-ohrajn fid-19.10.2016.
[109] Fol.273
[110] Fol.271

fl-impjieg ta' Ge. [111] Bo Tabone kienet xehdet li kienet tirrisjedi Hal-Qormi[112] u li rari rat lill-imputat ghax kienet biss habiba ta' Ge. Ghalhekk ma jirrizultax li din kienet titwassal minnu ghalkemm ammettiet li biex giet ghas-seduta meta xehdet twasslet minnu.[113]

Fid-dawl ta' dawn l-inkonsistenzi ftit tista' tinghata kredibbilita` li dawn l-impjegati, ghajr ghal Duan Mifsud li ma baqghetx tahdem ma Ge. Mhemmx dubbju li ghad hemm interess ta' min ghadu fl-impjieg ta' mart l-imputat u sahansitra jghix taht l-istess saqaf tal-imputat, li jostorr il-verita`. Altrimenti x'raguni kellhom il-klijenti li lkoll xehdu dwar servizzji sesswali li ngahtaw fil-hwienet rispettivi registrati f'isem l-imputat li jumiljaw rwiehom quddiem il-Qorti u quddiem il-partijiet, biex ma jissemmux ukoll l-konsegwenzi w diffikultajiet li setghu jinholqu ma familjari taghhom kieku tali verita` dwar ghemilhom harget fil-berah?

Il-Qorti tqis li dawn il-klijenti, kuntrarjament ghall-impjegati, kienu kredibbli fejn ix-xhieda taghhom kienet *safe and satisfactory.*

Illi l-elementi fil-ligi ta' dak li jikkostitwixxi il-prostituzzjoni gew kkunsidrati fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Duncan Fenech u Daniel Schembri:**[114]

> 'the essence of prostitution is the making of an offer of sexual services for reward, and that is immaterial that the person making the offer does not intend to perform them and does not do so'. Prostitiution does not necessarily involve that the woman offers full sexual intercourse. A person who, for example masturbates clients, falls within the definition. Nor is
> prostitution confined to the case where the person offers his or her body passively."

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs John Bartolo u Conrad Bartolo** fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghamlet ezami *funditus* dwar imputazzjonjiet simili ghal dawk kontestati lil Attard:[115]

> Artikolu 8 tal-Kapitolu 63 jippreskrivi:

---

[111] Fol.225-227 *"before I was working with Freddie and now I am working with Ailing Ge"*- xhieda Yaping; Vide xhieda Liqin Zhu Fol.256-257.
[112] Fol.242
[113] Fol.244
[114] Deciza 2 ta' Ottubru, 2014
[115] Onor. Magistrat Dr. Marseanne Farrugia, Deciza 3 ta' Dicembru, 2014

"(1) Kull min iżomm jew jeżerċita jew ikollu sehem ma' oħrajn fl-eżerċizzju ta' burdell jew ta' dar, ħanut jew lokal ieħor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew magħduda bħala li huma ffrekwentati għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali jeħel, meta jinsab ħati, il-priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn u multa ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87).
... ...

(3) Persuna titqies li għandha sehem fl-eżerċizzju ta' burdell jew ta' dar, ħanut jew lokal ieħor jew ta' parti minnhom għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali, kemm-il darba hija tieħu sehem direttament jew indirettament minn xi qligħ ta' dak l-eżerċizzju jew tieħu parti attiva fl-eżerċizzju ta' burdell, dar, ħanut jew lokal ieħor jew ta' parti minnhom."

L-Artikoli 9 u 10 tal-Kapitolu 63 ikomplu jippreskrivu hekk:

"9. Kull min għandu ħanut, alloġġ jew lukanda jew appartament privat u jħalli jew jippermetti li dak il-ħanut, alloġġ, lukanda jew appartament jew xi parti tagħhom jiġu wżati bħala post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-priġunerija minn xahar sa sitt xhur.

10. Is-sid jew kull min għandu taħt idejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond ieħor li xjentement jagħti b'kiri jew jippermetti l-użu tagħhom għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-priġunerija minn xahar sa sitt xhur." ….

F'kaz b'fattispecje simili ghal dak odjern, qamet il-kwistjoni jekk il-frazi "ghal skopijiet ohra immorali" fil-Kapitolu 63, tissodisfax r-rekwizit ta' forseeability taht l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, stante li skont l-imputati f'dak il-kaz, hemm nuqqas ta' certezza tal-ligi li taghmilha impossibbli li gudikant jiddeciedi jekk kemm-il darba l-eghmejjel li huma mixlijin bihom kienux tassew immorali jew le ghal fini tal-ligi. Fil-fatt saret riferenza ta' din il-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, li mis-sentenza taghha sar appell lill-Qorti Kostituzzjonali. Din il-kwistjoni tqanqlet ukoll fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti mill-abbli difensuri tal-imputati, ghalkemm fil-kaz odjen ma ntalbet li issir l-ebda riferenza kostituzzjonali.

Il-kaz, li din il-Qorti ghamlet riferenza ghaliha huwa Il-Pulizija v. Frank Cachia et, deciz fil-25 ta' Mejju 2012, fejn il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet hekk:

"39. Fil-kaz in ezami l-akkuzi li ghandhom l-appelati huma li fl-istabbiliment Maximus tfajliet
barranin, bi hwejjeg ta' taht biss (bras u panties) gew impjegati sabiex jaghmlu pole dancing, lap dancing u strip tease, anke shih, ghal klijenti bi hlas. Huma gew akkuzati wkoll li offrew servizz ta' zfin topless bi hlas. It-tfajliet kienu jghaddu l-qliegh minn dan is-servizz sesswali lil min kien impjegahom u huma jiehdu commission. L-appellati kienu l-intraprendituri li jorganizzaw dan it-tip ta' servizz.

40. Id-domanda hija, jista' gudikant, indipendentement mill-opinjonijiet personali u soggettivi tieghu, jiggudika jekk dawn l-atti li dwarhom l-appellati huma akkuzati, rigwardati oggettivament, jekk jirrizultaw pruvati, jitqiesu bhala atti li jikkostitwixxu r-reat ta' atti maghmula ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali. Jistghu l-

appellati ragjonevolment jahsbu li ma kinux ser jittiehdu passi kontra taghhom taht dan il-kap meta huma joffru dan is-servizz ta' zfin ta' natura sesswali u/jew erotika b'nisa barranin kwazi gharwenin ghal kollox ghal udjenza komposta kwazi minn irgiel biss, anke f'kabini privati, u dan bi hlas ghal dawn is-servizzi sesswali.

41. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-frazi "atti immorali" f'dan il-kaz tissodisfa r-rekwizit ta' foreseeability fil-kuntest tal-ligi kif inhi u fis-socjeta maltija u gudikant ghandu l-parametri biex ikun jista' jasal ghal konkluzjoni jekk lap dancing, pole dancing u strip tease (u mhux semplici zfin b'bikini imma "mimicking sexual acts on stage" b'nisa kwazi gharwenin) jammontawx ghal atti immorali ai termini tal-ligi taht il-Kap. 63" ……

Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi, din il-Qorti taqbel hafna ma' dak li rriteniet din il-Qorti, diversament preseduta,14 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Paul Jason Degiorgio, deciza fl-14 ta' Frar 2008, fejn din il-Qorti irriteniet hekk:

"Fin-nuqqas ta' tifsira ta' "skopijiet immorali", il-Qorti trid bil-fors b'analogija tesamina ddisposizzjonijiet tal-Kapitolu 63 u tara l-ambjent ta' "clubs" adulti f'dan l-isfond. Tajjeb li jigi osservat f'dan l-istadju li l-Ligi ma tipprojbix l-att sesswali fih innifsu bejn zewg adulti, anki jekk dan ikun bi hlas. Il-Kapitolu 63 jipprojbixxi, fost affarijiet ohra, it-tlajjar ghal dak l-iskop, it-tmexxija ta' burdell ghal dak l-iskop, l-isfruttar ta' persuni ghal dak l-iskop u l-qligh ta' flus minn dik l-attivita, izda mhux l-atti sesswali bejn mara u ragel li t-tnejn ikunu hekk iridu, anki jekk il-wiehed qed ihallas flus lill-ohra jew ihallas b'mod iehor. Allura l-"iskop immorali" ghandu jigi kkunsidrat fl-isfond taddisposizzjonijiet tal-Kapitolu 63. Mill-interpretazzjoni li din il-Qorti tista' taghti, il-Ligi tfittex li tipprotegi persuni li jigu assoggettati kontra l-volonta taghhom milli jaghmlu atti sesswali ma' terzi, u/jew l-flus li jithallsu ta' hekk jinghaddu lil haddiehor, lil min qed imexxiehom. L-immoralita allura ma tibqax biss izolata fuq l-att sesswali per se, izda li wiehed jisfrutta d-dghjufija ta' haddiehor u jzomm lil dik il-persuna dghajfa taht kontroll assolut tieghu. Huwa f'dan il-kuntest li l-Qorti ghanda tara xi jfisser "skop immorali". Dan qieghed jinghad ukoll u jigi pprecizat peress illi fil-kamp penali
ghandha dejjem tinghata interpretazzjoni restrittiva ta' kull kuncett li jkun, u ghalhekk l-iskop "immorali" ukoll irid jigi interpretat b'dan il-mod u f'dan l-isfond.

Fil-kaz ta' 'lap dancers' u 'pole dancers' x'ghandna. Ghandna ambjent ta' persuni adulti li konsenswalment jinku u jipprovokaw lil xulxin minghajr wisq intimita zejda, u bi hlas. Fil-fehma tal-Qorti, din l-attivita ma tinkwadrax ruhha fl-immorali f'dan is-sens, izda se mai tinkwadra ruhha f'loghob bin-nar b'ilbies protettiv – kemm wiehed jara u jmiss in-nar mill-qrib kemm jista' jkun minghajr ma jinharaq. F'dan l-ambjent ghandna zewg persuni, jew anki forsi iktar ilkoll flimkien, li qed jaghtu l-kunsens taghhom ghal ftit loghob li ma jwassal ghal imkien. Ma hemm xejn immorali b'daqshekk. Zgur li ma hemm xejn kontra l-ligi."

Illi fuq dan l-insenjament u kkunsidrati r-rizultanzi processwali ma hemmx dubbju li dak li kien qed issir gewwa l-massage parlours kien jammonta mhux biss ghall-skopijiet immorali izda ghal prostituzzjoni.

Illi pero` dan mhux bizzejjed ghas-sejbien ta' htija tieghu peress li l-imputazzjonijiet kontestati lill-akkuzat jirrikjedu l-konsapevolezza, ix-

xjenza u l-gharfien tieghu tal-attivita` ta' prostituzzjoni li kienet qed issehh fil-hwienet licenzjati f'ismu.

Kien essenzjali sabiex tigi sostanzjata l-ewwel akkuza li RB u JF (klijenti tal-hanut fil-Mosta) jiddentifikaw min mill-impjegati, Tabone jew Zhu, tahom is-servizz sesswali sabiex isir maghruf jekk dik l-impjegata kienitx ukoll tghix mal-imputat. Tali prova kellha tingieb mill-prsoekuzzjini sabiex tiskatta l-prezunzjoni li jipprovdi ghaliha l-artikolu 7(3) tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni, Kapitlu 63 tal-Ligijiet ta' Malta:

(3) Persuna titqies, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, illi xjentement tgħix, għal kollox jew f 'parti, minn fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni, jekk jinsab illi hija tgħix jew soltu tkun ma' persuna li teżerċita l-prostituzzjoni, jew illi hija ikkontrollat jew mexxiet lil dik il-persuna jew kellha ħakma fuqha b'mod li juri li hija qiegħda tgħin, tħajjar jew iġġiegħel il-prostituzzjoni ta' dik il-persuna ma' persuna jew ma' persuni oħra.

Illi l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova li Attard, semplicemnt ghax kien iwassal ghax-xoghol fil-hwienet tieghu, lill-impjegati li kienu jghixu mieghu – identifikati bhala **Yaping u Zhu** - b'xi mod kien qed jikkontrolla jew imexxi lil dawk l-persuni jew kellu hakma fuqhom b'mod li juri li kien qed jgħin, iħajjar jew iġġiegħel il-prostituzzjoni ta' dawk il-persuni impjegati minnhu jew lil xi hadd minnhom. Tant ma jidhrix li kellu xi hakma fuq l-impjegati li sahansitra tnejn minnhom kienu mizzewgin Maltin, b'wahda minnhom izzewget darbtejn.

Illi anqas ma gie remotament pruvat mill-prosekuzzjoni li Attard kien *"soltu jkun"* ma xi impjegata li kienet qed tezercita l-prostituzzjoni. Fit-test Ingliz insibu traduzzjoni u tifsira ferm aktar felici u specifika ghall-frazi *"soltu tkun ma"* – *"is habitually in the company of"*.

Inoltre` jirrizulta mix-xhieda ta' Bo Tabone li din ma kienitx tghix mal-imputat fiz-zmien li kienet tahdem il-Mosta izda *"I was living in Qormi"*[116]. Fil-fatt xehdet li zzewget ragel Malti fl-2011.[117]. Tabone cahdet li qatt rikbet fil-vettura mal-imputat ghajr ghal jum li xehdet fih.[118] Mill-banda l-ohra, gie pruvat li Liqin Zhu kienet tghix mal-imputat u anke fl-istqarrija tieghu Attard jiddikjara li kienu biss Zhu u Yaping li jghixu

[116] Fol.242
[117] Fol.238
[118] Fol.243-244

mieghu u ma Ailing Ge. Dawk li kienu zzewgu, Bo Tabone u Duan Baldacchino li wara saret Duan Mifsud, ma kienux jghixu mieghu.[119]

Ghalhekk galadraba jippersisti dubbju dwar jekk kienitx Zhu li pprestat is-servizz sesswali lil RB u JF, din il-prezunzjoni ma tiskattax. Meta wiehed jiftakar li Liqin Zhu, kienet originarjament stqarret li kienet qed taghti dawn it-tip ta' messaggi, aktar ma jaghmilx sens il-mod passiv li l-prosekuzzjoni laqghet ic-cahda kategorika taghha quddiem din il-qorti, *"No, no, no"*,[120] u baqghet ma rinfaccjathiex b'dik id-dikjarazzjoni kif gja inghad.

Illi rigward l-attivitajiet fil-hanut tal-Hamrun, ga saret riferenza ghall-fatt li l-unika klijent li gie prodott bhala xhud kien JC. Dan il-klijent ukoll baqa ma iddentifikax jekk kienitx Duan Mifsud jew Chen Yaping li tawh is-servizz sesswali, u sabiex tiskatta l-presunzjoni msemmija bl-artikolu 7(3) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, kien daqstant iehor esssenzjali li ssir din l-identifikazzjoni, peress li Yaping biss kienet tghix mal-imputat.[121] Izda aktar problematiku ghall-prosekuzzjoni kien il-fatt li JC xehed dwar fatti li pprecedew id-data indikata fl-akkuza. Ghalhekk jekk giet pruvata xi prostituzzjoni din sehhet hafna qabel, fl-2011, meta l-akkuza tindika biss ix-xhur ta' qabel it-12 ta' Novembru, 2012 li bl-ebda sforz tal-immaginazzjoni ma jistghu jestendu ghall-perjodu ta' aktar minn sena, kif JC fil-fatt jixhed li kien il-kaz.

Illi l-Qorti tista' biss tispekula li l-imputat kien konsapevoli dwar l-attivita` li kienet qed issehh fil-hwienet tieghu. Izda hu kemm hu improbbabli li verament ma kienx jaf dwar dak li kien qed jigri, din tammonta biss ghall-spekulazzjoni u kongetturi.

Illi l-Qorti gja kellha okkazzjoni tiddentifika l-mankanzi varji fil-kaz tal-prosekuzzjoni u ma thossx li ghandha tirrepetihom kollha hawnhekk. Irid izda jerga' jissemma kif l-ebda klijent ma jiddentifika dik l-impjegata li qdietu fis-servizz sesswali; kif l-impjegati meta nnegaw li ghamlu atti sesswali ma gewx konfrontati mal-klijent jew b'xi stqarrija maghmulha minnhom precedentment; kif ma ngabet ebda prova tal-introjtu tal-hwienet (u kemm minn dan l-introjtu spicca fil-but tal-imputat billi jigu

---

[119] Fol.24-25
[120] Fol.251
[121] Fol.228 *"Yes, yes we were living together"*

ezaminati id-dikjarazzjonijiet tieghu tat-taxxa u VAT, u komparati mar-ricevuti mahruga) u kif l-allegazzjoni li kien ha l-miljuni minghand Antonia Vassallo u kien jghix minn fuq gidha ma giet kontestata bl-ebda mod. Inoltre` kif sa mill-bidu nett kien irrizulta mal-pulizija li Ailing Ge kienet il-persuna li kienet konsapevoli ta' dak li qed issehh fil-hwienet li kienet tiggestixxi izda minflok tressqet akkuzata hi, tressaq l-akkuzat semplicement ghax, minghajr ma ghamel xi forma ta' ammissjoni dwar l-akkuzi kontestati lilu, talab li kellu jkun hu li jassumi ir-responsabbilita` ghal dak li kien qed issehh fil-hwienet tieghu.

Il-fatt li Attard kien iwassal u jigbor l-impjegati, li bl-ebda mod ma jirrizulta li kienu f'xi forma ta' skjavitu jew saram iehor – certament ma hux bizzejjed sabiex tinstab htija fuq l-imputazzjonijiet addebiti lilu fejn kellu jigi pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li hu xjentement ghex mill-qliegh tal-prostituzzjoni, li kien konsapevoli li l-hwienet tieghu kienu qed jintuzaw ghall-prostituzzjoni u li xjentement ippermetta li l-hwienet tieghu jintuzaw ghal dak l-iskop. Tali prova ma ngabitx.

Ghal dawn il-mottivi qed tillibera lill-imputat minn kwalunkwe htija u piena fuq l-akkuzi kollha migjuba.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**